

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 324/2008**

**tad-9 ta' April 2008**

**li jistabbilixxi proċeduri riveduti għal spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

**(ĠU L 98, 10.4.2008, p. 5)**

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/462 tat-30 ta' Marzu 2016	L 80	28	31.3.2016



**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 324/2008**

**tad-9 ta' April 2008**

**li jistabbilixxi proċeduri riveduti għal spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 725/2004 tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) u 13(3) tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex tkun immonitorjata l-applikazzjoni mill-Istati Membri tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, il-Kummissjoni għandha tmexxi spezzjonijiet li jibdew minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament. L-organizzazzjoni ta' spezzjonijiet taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni hija meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-effettività ta' sistemi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità kif ukoll ta' miżuri, proċeduri u strutturi ta' sigurtà marittima.
- (2) Skond l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 2005/65/KE, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva msemmija, b'mod konġunt ma' l-ispezzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 725/2004.
- (3) L-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima mwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 1406/2002<sup>(3)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandha tippovdi lill-Kummissjoni b'assistenza teknika fit-tweġiq ta' spezzjonijiet ta' bastimenti, ta' kumpaniji rilevanti u ta' organizzazzjoniet ta' sigurtà rikonoxxuti.
- (4) Il-Kummissjoni għandha tikkoordina ma' l-Istati Membri l-iskeda u t-tħejjija ta' l-ispezzjonijiet. Il-gruppi ta' spezzjoni tal-Kummissjoni għandu jkollhom is-setgħa li jsejħu għal spetturi nazzjonali kkwalifikati, fejn ikunu disponibbli.
- (5) L-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni għandhom isiru skond proċedura stabbilita, li tinkludi metodoloġija standard.
- (6) L-informazzjoni sensittiva li għandha x'taqsam ma' l-ispezzjonijiet għandha tkun meqjusa bħala informazzjoni klassifikata.
- (7) Għaldaqstant, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 884/2005 ta' l-10 ta' Ġunju 2005 li jistabbilixxi proċeduri għal spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima<sup>(4)</sup> għandu jitħassar.

<sup>(1)</sup> ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6.

<sup>(2)</sup> ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28.

<sup>(3)</sup> ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2038/2006 (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 1).

<sup>(4)</sup> ĠU L 148, 11.6.2005, p. 25.

**▼B**

- (8) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## SUĠĠETT U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1***Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabilixxi proċeduri għat-tmexxija ta' spezzjonijiet mill-Kummissjoni għall-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 mill-Istati Membri kif ukoll minn faċilitajiet ta' portijiet individwali u kumpaniji rilevanti.

Dan ir-Regolament jistabilixxi wkoll proċeduri għall-monitoraġġ mill-Kummissjoni ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/65/KE, b'mod konġunt ma' l-ispezzjonijiet fuq il-livell ta' l-Istati Membri u tal-faċilitajiet tal-portijiet fir-rigward ta' portijiet kif imfissra fl-Artikolu 2(11) ta' dan ir-Regolament.

L-ispezzjonijiet għandhom jitmexxew b'mod trasparenti, effettivi, armonizzati u konsistenti.

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

**▼M1**

- (1) “spezzjoni mill-Kummissjoni” tfisser eżaminazzjoni minn spetturi tal-Kummissjoni tas-sistemi ta' kontroll tal-kwalità, tal-miżuri, tal-proċeduri u tal-istrutturi nazzjonali tas-sigurtà marittima tal-Istati Membri, biex tiġi ddeterminata l-konformità tagħhom mar-Regolament (KE) Nru 725/2004 u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/65/KE. Din tista' tinkludi spezzjonijiet tal-portijiet, tal-faċilitajiet tal-port, il-bastimenti tal-awtoritajiet kompetent għas-sigurtà marittima jew tal-kumpaniji, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 725/2004. Din tista' tinkludi wkoll spezzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' sigurtà rikonoxxuti, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 u fl-Anness IV tad-Direttiva 2005/65/KE relattiva għall-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tas-sigurtà;
- (2) “spettur tal-Kummissjoni” tfisser persuna li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7, impjegata mill-Kummissjoni, jew tkun spettur nazzjonali, mibgħut mill-Kummissjoni biex jipparteċipa fl-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni, elenkat mill-Istati Membri jew mill-Istati Membri tal-EFTA;

**▼B**

- (3) “spettur nazzjonali” tfisser persuna impjegata minn Stat Membru bħala spettur tas-sigurtà marittima, u kkwalifikata skond ir-rekwiżiti ta' dak l-Istat Membru;
- (4) “evidenza oġġettiva” tfisser informazzjoni, reġistri jew riżultati kwantitattivi jew kwalitattivi marbutin mas-sigurtà jew ma' l-eżistenza u l-implimentazzjoni ta' rekwiżit stipulat fir-Regolament

**▼B**

(KE)

Nru 725/2004 jew fid-Direttiva 2005/65/KE, li huma msejsa fuq l-osservazzjoni, il-kejl jew l-eżaminar, u li jistgħu jkunu vverifikati;

- (5) “osservazzjoni” tfisser sejba li ssir waqt spezzjoni tal-Kummissjoni, u sostanzjata minn evidenza oġġettiva;
- (6) “nuqqas ta' konformità” tfisser sitwazzjoni osservata li fiha hemm evidenza oġġettiva li tindika li ma jkunx intlaħaq rekwiżit stipulat fir-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew fid-Direttiva 2005/65/KE, u li tirrekjedi azzjoni korrettiva;
- (7) “nuqqas maġġuri ta' konformità” tfisser devjazzjoni identifikabbli li tikkostitwixxi theddida serja għas-sigurtà marittima u tirrekjedi azzjoni korrettiva minnufih, u tinkludi n-nuqqas ta' implimentazzjoni effettiva u sistematika ta' rekwiżit stipulat fir-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew fid-Direttiva 2005/65/KE;
- (8) “punt ta' kuntatt” tfisser l-entità maħtura minn kull Stat Membru biex isservi ta' punt ta' kuntatt għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri l-oħra, u biex tiffaċilita, issegwi u tinforma dwar l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà marittima stipulati fir-Regolament (KE) Nru 725/2004, kif ukoll tal-miżuri ta' sigurtà tal-portijiet stipulati fid-Direttiva 2005/65/KE;
- (9) “kumpanija rilevanti” tfisser entità li għandha taħtar uffiċjal tal-kumpanija għas-sigurtà, uffiċjal għas-sigurtà tal-bastimenti jew uffiċjal għas-sigurtà tal-faċilità tal-port, jew li tkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' pjan ta' sigurtà tal-bastimenti jew pjan ta' sigurtà tal-faċilità tal-port, jew li tkun inġenier minn Stat Membru bħala organizzazzjoni ta' sigurtà rikonoxxuta;
- (10) “eżami” tfisser prova ta' miżuri ta' sigurtà marittima, fejn l-intenzjoni li tiġi kkommissa azzjoni kontra l-liġi tiġi simulata sabiex tkun eżaminata l-effiċjenza fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà eżistenti;

**▼M1**

- (11) “port” tfisser iż-żona ġewwa l-fruntieri ddefiniti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2005/65/KE, u nnotifikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 12 tagħha;
- (12) “miżura korrettiva provviżorja” tfisser miżura temporanja jew firxa ta' miżuri bil-għan li jillimitaw sal-livell massimu prattikabbli l-impatt ta' nuqqas maġġuri ta' konformità jew nuqqas ta' konformità identifikat waqt it-twertiq tal-ispezzjoni qabel ma tkun tista' ssir il-korrezzjoni sħiħa;
- (13) “informazzjoni klassifikata” tfisser informazzjoni identifikata jew identifikabbli miksuba matul it-twertiq tal-attivitajiet tal-ispezzjoni li jekk tiġi żvelata taf twassal għal ksur tas-sigurtà, ikklassifikata skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444<sup>(1)</sup> jew skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti tal-Istati Membri;

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

**▼ M1**

- (14) “informazzjoni sensittiva iżda mhux ikklassifikata” tfisser materjal relatat mal-ispezzjoni jew informazzjoni miksuba matul it-twettiq tal-attivitajiet ta' spezzjoni, li jekk tiġi żvelata taf twassal għal ksur tas-sigurtà u li tista' tinqas abbażi tal-ħtieġa ta' tagħrif;
- (15) “mhux ikkonfermata” tfisser sejba li ssir waqt spezzjoni mill-Kummissjoni, li li tindika li ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew id-Diretiva 2005/65/KE ma ġietx sodisfata iżda mhix issos-tanzjata b'evidenza oġġettiva;
- (16) “Kumitat” tfisser il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004;
- (17) “rappreżentant ta' Stat tal-bandiera” tfisser membru tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li l-bastiment ikun itajjar il-bandiera tiegħu jew, jekk ikun innominat minn dak l-Istat Membru, ikun rappreżentant ta' organizzazzjoni ta' sigurtà rikonoxxuta.

**▼ B**

## KAPITOLU II

## REKWIŻITI ĠENERALI

**▼ M1***Artikolu 3***Il-kooperazzjoni tal-Istati Membri**

1. Mingħajr ħsara għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni fit-twettiq tal-ispezzjonijiet tagħha. Għandu jkun hemm din il-kooperazzjoni matul il-fażijiet ta' thejġija, ta' sorveljanza u ta' rappurtar.
2. L-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li n-notifika ta' spezzjoni:
  - (a) tinżamm taħt miżuri stretti ta' sigurtà biex jiġi ggarantit li ma tiġix żvelata sabiex ma jiġix kompromess il-proċess ta' spezzjoni; kif ukoll
  - (b) tiġi kkomunikata lill-partijiet rilevanti abbażi tal-ħtieġa ta' għarfien.

**▼ B***Artikolu 4***Eżerċizzju tas-setgħat tal-Kummissjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-ispetturi tal-Kummissjoni jkunu kapaċi jeżerċitaw l-awtorità tagħhom li jispezzjonaw l-attivitajiet ta' sigurtà marittima ta' kwalunkwe awtorità kompetenti skond ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew id-Diretiva 2005/65/KE, kif ukoll ta' kwalunkwe kumpanija rilevanti.

**▼ M1**

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li, meta jintalab, l-ispetturi tal-Kummissjoni jkollhom aċċess f'waqtu għad-dokumentazzjoni tas-sigurtà rilevanti meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tal-ispezzjoni, u b'mod partikolari li:

**▼ M1**

- (a) il-programm nazzjonali għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 msemmi fl-Artikolu 9(3) ta' dak ir-Regolament;
- (b) l-aġġornamenti l-aktar riċenti tad-dejta pprovduti mill-punt ta' kuntatt u r-rapporti tal-monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004;
- (c) l-eżitu tal-monitoraġġ mill-Istati Membri tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sigurtà tal-portijiet;
- (d) il-valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-bastiment, tal-port u tal-faċilità tal-port rilevanti, u l-pjanijiet tas-sigurtà tal-bastiment, il-port u l-faċilità tal-port rilevanti, ir-rekords tad-drills u tal-eżerċizzji ta' taħriġ għall-bastiment, il-port u l-faċilità tal-port waqt li l-Kummissjoni tkun qiegħda twettaq l-ispezzjonijiet;
- (e) in-notifiki mill-Istati Membri tad-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 meħuda wara l-valutazzjoni obbligatorja tar-riskji għas-sigurtà;
- (f) kwalunkwe linja gwida, istruzzjoni jew proċedura maħruġa mill-Istat Membru għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 u d-Direttiva 2005/65/KE.

**▼ B**

3. Kull fejn spetturi tal-Kummissjoni jiltaqgħu ma' diffikultajiet fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jużaw kwalunkwe mezz fil-limiti tas-setgħat ġuridiċi tagħhom biex jassistu lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompitu kollu tagħha.

*Artikolu 5***Is-sehem ta' spetturi nazzjonali fl-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni****▼ M1**

1. Bi ftehim mal-Kummissjoni, sa fejn ikun prattiku, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli spetturi nazzjonali li kapaċi jieħdu sehem fl-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni, inklużi fil-fażijiet relatati ta' tħejjija u ta' rappurtar.

**▼ B**

2. Spettur nazzjonali m'għandux jipparteċipa fi spezzjonijiet tal-Kummissjoni fl-Istat Membru fejn hu impjegat.

3. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'lista ta' spetturi nazzjonali li l-Kummissjoni tista' ssejthom biex jieħdu sehem fi spezzjoni mmexxija minnha.

Din il-lista għandha tiġi aġġornata talanqas sa tmiem Ġunju ta' kull sena.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat") il-listi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

**▼ M1**

5. It-talbiet biex l-ispetturi nazzjonali jipparteċipaw fl-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni għandhom jiġu kkomunikati fi żmien xieraq, normalment mill-anqas xahrejn qabel ma tkun se titwettaq l-ispezzjoni.

**▼B**

6. Skond ir-regoli tal-Komunità, l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni ta' l-ispetturi nazzjonali fl-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni.

**▼M1***Artikolu 6***Assistenza teknika mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fl-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni**

Fir-rigward tal-għoti ta' assistenza teknika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni esperti tekniċi biex jipparteċipaw fi spezzjonijiet mill-Kummissjoni, inklużi fil-fażijiet relatati ta' tħejjija u rappurtar.

**▼B***Artikolu 7***Kriterji ta' kwalifika u taħriġ għal spetturi tal-Kummissjoni**

1. L-ispetturi tal-Kummissjoni għandu jkollhom kwalifiki xierqa, inklużi esperjenza teorika u Prattika biżżejjed fis-sigurtà marittima. Dawn il-kwalifiki għandhom jinkludu normalment:

(a) fehim tajjeb tas-sigurtà marittima u ta' kif tiġi applikata għall-operazzjonijiet soġġetti għal eżami;

**▼M1**

(b) għarfien operazzjonali tajjeb tat-teknoloġiji u t-tekniki tas-sigurtà;

**▼B**

(c) għarfien tal-prinċipji, il-proċeduri u t-tekniki ta' l-ispezzjonar;

**▼M1**

(d) għarfien operazzjonali tal-operazzjonijiet soġġetti għal eżami;

(e) kuxjenza dwar ir-rekwiżiti tas-saħħa, is-sigurtà u tas-sigurtà biex wieħed jaħdem f'ambjent marittimu;

(f) għarfien tar-rekwiżiti legali prinċipali applikabbli fil-qasam tas-sigurtà marittima.

**▼B**

2. ►**M1** Sabiex jikkwalifikaw għall-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni, l-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom jispiċċaw b'suċċess taħriġ biex iwettqu dawn l-ispezzjonijiet. Perjodikament, l-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom jitħarrġu mill-inqas kull ħames snin, sabiex jaġġornaw l-għarfien tagħhom. ◀

Fil-każ ta' spetturi nazzjonali, it-taħriġ meħtieġ biex jaġixxu bħala spetturi tal-Kummissjoni:

(a) għandu jkun akkreditat mill-Kummissjoni;

(b) għandu jkun inizjali u rikorrenti;

**▼B**

(ċ) għandu jiżgura livell ta' prestazzjoni xieraq għall-iskop li jiġi kkontrollat jekk miżuri ta' sigurtà jkunux implimentati skond ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 u d-Direttiva 2005/65/KE.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ispetturi tal-Kummissjoni jilhqqu l-kriterji stipulati fil-paragrafi 1 u 2.

**▼M1**

4. Jekk matul spezzjoni preċedenti, l-imġiba jew il-prestazzjoni ta' spettur ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, dak l-ispettur ma għandux jiġi nnominat aktar għall-kompiti ta' spezzjoni mill-Kummissjoni.

**▼B**

## KAPITOLU III

## PROCĊEDURI GĦAT-TMEXXIJA TA' L-ISPEZZJONIJIET MILL-KUMMISSJONI

*Artikolu 8***Notifika ta' spezzjonijiet****▼M1**

1. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru li tkun se ssir l-ispezzjoni fit-territorju tiegħu tal-anqas sitt ġimgħat qabel.

Flimkien mal-avviż formali tal-ispezzjoni, lill-punt ta' kuntatt il-Kummissjoni tista' tikkomunikalu kwestjonarju ta' qabel l-ispezzjoni biex jimtela' mill-awtorità kompetenti, flimkien ma' talba għal kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti. Il-kwestjonarju mimli u kwalunkwe dokumentazzjoni mitluba għandhom jingħataw lill-Kummissjoni tal-anqas ġimgħatejn qabel ma tkun skedata li tibda l-ispezzjoni.

Il-perjodu ta' avviż formali previst fl-ewwel subparagrafu jista' jitnaqqas għal mhux inqas minn ġimgħatejn, u dan kemm-il darba l-Kummissjoni taġixxi b'reazzjoni għal avveniment eċċezzjonali li jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-livell ġenerali tas-sigurtà marittima fl-Unjoni Ewropea u dejjem jekk il-Kummissjoni tkun ikkonsultat il-punt ta' kuntatt ikkonċernat qabel ma tagħti l-avviż formali. F'dak il-każ it-tieni subparagrafu ma japplikax.

**▼B**

2. Il-punt ta' kuntatt għandu jkun innotifikat bil-quddiem ta' l-ambitu previst ta' spezzjoni mill-Kummissjoni.

Fejn tkun se tiġi spezzjonata faċilità ta' port, il-punt ta' kuntatt għandu jiġi infurmat fin-notifika:

- (a) jekk l-ispezzjoni hiġiex se tinkludi bastimenti f'dik il-faċilità tal-port, jew f'parti oħra tal-port matul l-istess spezzjoni, kif ukoll
- (b) jekk l-ispezzjoni hiġiex se tinkludi l-monitoraġġ tal-port skond l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2005/65/KE.

Għall-iskopijiet tal-punt (b), "monitoraġġ" tfisser il-verifika ta' jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/65/KE ġewx implimentati mill-Istati Membri u mill-portijiet fit-territorju tagħhom li ġew notifikati lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2005/65/KE. B'mod partikolari, "monitoraġġ" tfisser il-verifika li d-dispożizzjonijiet kollha



**▼B**

tad-Direttiva 2005/65/KE tqiesu fil-valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-port u fit-tfassil tal-pjanijiet ta' sigurtà tal-port, kif ukoll li l-miżuri stabbiliti f'dawn il-pjanijiet huma konsistenzi mad-dispożizzjonijiet adottati skond ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 għall-faċilitajiet li jinsabu fil-portijiet ikkonċernati.

3. Il-punt ta' kuntatt għandu:

(a) jgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fl-Istat Membru bl-ispezzjoni;

(b) jinnotifika lill-Kummissjoni rigward dawn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

4. Il-punt ta' kuntatt għandu jikkomunika lill-Kummissjoni, talanqas 24 siegħa qabel l-ispezzjoni, isem l-Istat tal-bandiera u n-numru IMO ta' bastimenti mistennija li jkunu f'faċilità ta' port jew f'port innotifikati skond it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 matul l-ispezzjoni.

**▼M1**

5. Fejn l-Istat tal-bandiera hu Stat Membru, il-Kummissjoni għandha, kemm jista' jkun malajr, tinforma lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membri li l-bastiment jista' jiġi spezzjonat meta jkun fil-faċilità tal-port. Jekk spezzjoni tkun biex tkopri l-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru differenti minn dak tal-awtorità li tkun qed tiġi spezzjonata, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-punt ta' kuntatt tal-Istat tal-bandiera sabiex ikunu jistgħu jsiru l-arranġamenti prattiċi meħtieġa biex issir l-ispezzjoni abbord dak il-bastiment.

**▼B**

6. Fejn l-ispezzjoni ta' faċilità ta' port fi Stat Membru tkun se tinkludi bastiment ta' l-istess Stat Membru bħala Stat tal-bandiera, il-punt ta' kuntatt għandu jżomm kuntatt mal-Kummissjoni biex jikkonferma jekk il-bastiment hux se jinsab fil-faċilità tal-port matul l-ispezzjoni.

7. Fejn bastiment ikun diġà ġie identifikat biex ikun spezzjonat mhux se jkun irmiġġat fil-port matul l-ispezzjoni tal-faċilità tal-port, il-Kummissjoni u l-koordinatur maħtur skond l-Artikolu 9(3) għandhom jaqblu fuq bastiment alternattiv li għandu jkun soġġett għal spezzjoni. Dan il-bastiment jista' jinsab f'faċilità oħra ta' l-istess port. F'dawn il-każijiet, il-paragrafi 5 u 8 ta' dan l-Artikolu jibqgħu japplikaw.

8. L-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni għandhom isiru taħt l-awspiċju ta' l-Istat Membru tal-faċilità tal-port li jwettaq miżuri ta' kontroll u konformità, skond ir-Regolament 9 tal-miżuri speċjali għat-tisħiħ tas-sigurtà marittima tal-Konvenzjoni SOLAS (1974 International Convention for the Safety of Life at Sea) kif emendata, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) meta l-Istat tal-bandiera tal-bastiment mhuwiex Stat Membru; jew

(b) meta l-bastiment mhuwiex inkluż fl-informazzjoni pprovduta skond il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

**▼M1**

9. Meta l-Kummissjoni tattendi spezzjoni jew verifika nazzjonali ta' bastiment f'post barra mill-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-punt ta' kuntatt sabiex issegwi l-ispezzjonijiet jew il-verifiki mar-rappreżentant tal-bandiera.

**▼B***Artikolu 9***It-tħejjija ta' spezzjonijiet**

1. L-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom iwettqu attivitajiet ta' tħejjija sabiex jiżguraw l-effiċjenza, il-preċiżjoni u l-konsistenza fl-ispezzjonijiet.
2. Il-Kummissjoni għandha tippovdi lill-punt ta' kuntatt bl-ismijiet ta' l-ispetturi tal-Kummissjoni li jkunu kummissjonati biex iwettqu l-ispezzjoni, u dettalji oħra kif xieraq. Dawn l-ismijiet għandhom jinkludu isem il-mexxej tal-grupp ta' spezzjoni, li għandu jkun spettur impjegat mill-Kummissjoni.
3. Għal kull spezzjoni, il-punt ta' kuntatt għandu jiżgura li jinħatar koordinatur biex jieħu ħsieb l-arranġamenti prattiċi marbutin ma' l-attività ta' spezzjoni li tkun ser issir. Matul l-ispezzjoni, il-mexxej tal-grupp għandu jkun il-kuntatt ewlieni għall-koordinatur.

*Artikolu 10***It-tmexxija ta' spezzjonijiet****▼M1**

1. Għandha tintuża metodoloġija standard sabiex jiġi mmonitorjat kif l-Istati Membri jkunu qegħdin japplikaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà marittima kif stipulati fir-Regolament (KE) Nru 725/2004 u fid-Direttiva 2005/65/KE.
2. L-ispetturi tal-Kummissjoni, waqt li jwettqu l-attività tal-ispezzjonijiet, għandhom ikunu l-ħin kollu akkumpanjati minn rappreżentant tal-awtorità kompetenti rilevanti. Dak ir-rappreżentant ma għandux jippreġudika l-effiċjenza jew l-effikaċja tal-ispezzjoni.

L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu b'mod li jfjxkel mill-inqas l-operazzjonijiet kummerċjali. Sabiex jinkiseb dan, kull meta jkun il-każ u bi qbil minn qabel bejn l-Istat tal-bandiera u l-kaptan tal-bastiment, spezzjoni ta' bastiment li tkun bdiet fil-port tista' titkompla wara li l-bastiment iħalli l-port.

Jekk bastiment li jkun soġġett għal spezzjoni ikun qed jaqdi servizzi internazzjonali skedati bejn żewġ Stati Membri jew aktar, l-ispezzjoni tista' wkoll tkun relatata mal-operazzjonijiet tal-imbarkazzjoni u tal-iżbark tal-passiġġieri u tal-vetturi fuq kull naħa tal-vjaġġ. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tavża lill-punt ta' kuntatt tal-port tal-Istat Membru bil-wasla f'konformità mal-Artikolu 8(1).

**▼B**

3. Fejn bastiment f'faċilità ta' port ikun se jiġi spezzjonat u l-Istat tal-bandiera tal-bastiment mhuwiex l-Istat Membru tal-faċilità tal-port, l-Istat Membru tal-faċilità tal-port għandu jiżgura li l-ispetturi tal-Kummissjoni jkunu akkumpanjati minn uffiċjal ta' awtorità msemmija fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 matul l-ispezzjoni tal-bastiment.
4. L-ispetturi tal-Kummissjoni għandu jkollhom fuqhom karta ta' l-identità li tawtorizzahom biex iwettqu spezzjonijiet f'isem il-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispetturi tal-Kummissjoni jkollhom aċċess għaż-żoni kollha meħtieġa għat-tweqqiq ta' l-ispezzjoni.

**▼B**

5. Eżami għandu jsir biss wara notifika lill-punt ta' kuntatt u wara li jintlaħaq qbil mal-punt ta' kuntatt dwar l-ambitu u l-għan ta' l-eżami. Il-punt ta' kuntatt għandu jieħu ħsieb il-kompiti kollha ta' koordinazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

**▼M1**

6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, meta possibbli u skont il-każ, l-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom jagħtu ġabra fil-qosor informali u bil-fomm ta' dak li jkun irriżultat hom fuq il-post.

Il-punt ta' kuntatt rilevanti għandu jiġi infurmat mill-ewwel dwar kull nuqqas maġġuri ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew mad-Deċiżjoni 2005/65/KE identifikat minn spezzjoni mill-Kummissjoni, qabel ma jitlestha r-rapport ta' spezzjoni skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, f'każijiet fejn spettur tal-Kummissjoni li jkun qed iwettaq l-ispezzjoni ta' bastiment isib nuqqas maġġuri ta' konformità li jeħtieġ azzjoni skont l-Artikolu 16, il-kap tat-tim għandu jgħarraf b'dan minnufih lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru bil-miktub

7. L-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom iwettqu l-ispezzjonijiet b'mod effiċjenti u effikaċi, u jagħtu l-importanza dovuta lis-sikurezza u lis-sigurtà.

**▼B***Artikolu 11***Rapport ta' l-ispezzjonijiet**

1. Fi żmien sitt ġimgħat mit-tmiem ta' spezzjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport ta' spezzjoni lill-Istat Membru. Dan ir-rapport ta' spezzjoni jista' jinkludi, fejn xieraq, il-konklużjonijiet tal-monitoraġġ tal-port li jkun sar skond l-Artikolu 8(2)(b).

2. Fejn ikun ġie spezzjonat bastiment waqt spezzjoni ta' faċilità ta' port, il-partijiet rilevanti tar-rapport ta' spezzjoni għandhom jintbagħtu wkoll lill-Istat Membru li huwa l-Istat tal-bandiera, jekk ikun differenti mill-Istat Membru li fih saret l-ispezzjoni.

3. L-Istat Membru għandu jgħarraf lill-entitajiet spezzjonijiet bl-osservazzjonijiet rilevanti ta' l-ispezzjoni. Madankollu, ir-rapport ta' spezzjoni nnifsu ma għandux jintbagħat lill-entitajiet spezzjonati.

**▼M1**

4. Meta tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 u tad-Direttiva 2005/65/KE skont dan ir-Regolament, is-sejbiet għandhom jiġu kklassifikati f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

- (a) konformi;
- (b) konformi, iżda jeħtieġ titjib;
- (c) nuqqas ta' konformità;
- (d) nuqqas maġġuri ta' konformità;
- (e) mhux ikkonfermat.

**▼ M1**

5. Ir-rapport għandu jindika fid-dettall is-sejbiet li joħorġu minn dik l-ispezzjoni bħala “nuqqas maġġuri ta' konformità”, “nuqqas ta' konformità”, “konformi, iżda jeħtieġ titjib” u “mhux ikkonfermat” fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew tad-Direttiva 2005/65/KE skont dan ir-Regolament.

Ir-rapport jista' jkun fih rakkomandazzjonijiet għal azzjoni korrettiva.

**▼ B***Artikolu 12***Tweġiba mill-Istat Membru**

1. Fi żmien tliet xhur mid-data li fiha jintbagħat ir-rapport ta' spezzjoni, l-Istat Membru għandu jressaq lill-Kummissjoni tweġiba għar-rapport, li fiha:

- (a) jikkummenta dwar l-osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet; kif ukoll
- (b) jipprovdi pjan ta' azzjoni, li jispeċifika azzjonijiet u skadenzi, sabiex jiġi rimedjat kull nuqqas identifikat.

2. Fejn ir-rapport ta' spezzjoni ma jidentifika l-ebda nuqqas ta' konformità jew nuqqas maġġuri ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew mad-Direttiva 2005/65/KE, l-ebda tweġiba ma tkun meħtieġa.

**▼ M1**

3. Meta Stat Membru jipproponi miżuri korrettivi immedjati biex jindirizza nuqqas maġġuri ta' konformità misjub, dan għandu jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni dwarhom qabel ma l-Kummissjoni toħroġ rapport ta' spezzjoni. F'każ bħal dan, ir-rapport għandu jsemmi l-għadd ta' azzjonijiet korrettivi li ttieħdu mill-Istat Membru. Jekk jittieħdu biss miżuri provviżorji, l-Istat Membru għandu minnufih jinnotifika b'dan lill-Kummissjoni u għandu jinformaha wkoll dwar l-iskadenza sa meta jridu jiġu implimentati l-azzjonijiet sħaħ u korrettivi finali.

**▼ B***Artikolu 13***Azzjoni mill-Kummissjoni**

1. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità jew nuqqas maġġuri ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew mad-Direttiva 2005/65/KE, u wara li tkun irċeviet it-tweġiba mingħand l-Istat Membru, il-Kummissjoni tista' tieħu waħda mill-miżuri li ġejjin:

- (a) tressaq kummenti lill-Istat Membru jew titolbu aktar spjegazzjoni biex jiċċara t-tweġiba kollha jew parti minnha;
- (b) twettaq spezzjoni jew monitoraġġ ta' segwiment biex tivverifika l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi; f'dal-każ, il-Kummissjoni għandha tibgħat avviż talanqas ġimagħtejn qabel ma jsir dan is-segwiment;
- (ċ) tibda proċediment ta' ksur fir-rigward ta' l-Istat Membru kkonċernat.

2. Fejn tkun se ssir spezzjoni ta' segwiment ta' bastiment, l-Istat Membru li huwa l-Istat tal-bandiera għandha tgħarraf lill-Kummissjoni, fejn possibbli, bil-portijiet li l-bastiment ikun se jżur, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi fejn u meta twettaq l-ispezzjoni ta' segwiment.

**▼B**

## KAPITOLU IV

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

**▼M1***Artikolu 14***Il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni**

F'konformità mar-regoli fis-seħħ li japplikaw, meta jsiru spezzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà marittima, il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiproteġi l-informazzjoni klassifikata li jkollha aċċess għaliha, jew li tkun ġiet ikkomunikata lilha mill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ekwivalenti b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

L-informazzjoni sensitiva iżda mhux ikklassifikata tista' tiġi skambjata bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, sakemm dawn jiproteġu din l-informazzjoni skont ir-rekwiżiti applikabbli li jiggarrantixxu l-kunfidenzjalità tagħha.

*Artikolu 15***Programm ta' spezzjoni tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu parir mill-Kumitat dwar il-prioritajiet għall-implimentazzjoni tal-programm ta' spezzjoni tagħha.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' spezzjoni u tikkomunikalu r-risultati tal-ispezzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha taqsam mal-Istati Membri dawk il-prattiki tajba li jkunu ġew osservati waqt l-ispezzjonijiet.

Normalment ir-rapporti tal-ispezzjoni jingħataw lill-Kumitat:

- (a) hekk kif tasal ir-risposta tal-Istat Membru skont l-Artikolu 12(1), u
- (b) meta jingħalaq il-fajl.

**▼B***Artikolu 16***Notifikar lill-Istati Membri ta' nuqqas maġġuri ta' konformità****▼M1**

Jekk spezzjoni tikxef nuqqas maġġuri ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew mad-Direttiva 2005/65/KE li jitqies li jkollu impatt sinifikanti fuq il-livell ġenerali tas-sigurtà marittima fl-Unjoni li ma jistax jiġi indirizzat minnufih għall-inqas b'miżuri korrettivi ta' natura provviżorja, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra immedjatament wara li tkun avżat lill-Istat Membru kkonċernat b'dan in-nuqqas maġġuri ta' konformità.

**▼B**

Ladarba nuqqas maġġuri ta' konformità nnotifikat lill-Istati Membri l-oħra skond dan l-Artikolu jkun issewwa b'mod sodisfaċenti għall-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha minnufih tgħarraf b'dan lill-Istati Membri l-oħra.

**▼B**

*Artikolu 17*

**Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi regolarment is-sistema tagħha ta' spezzjonijiet, u b'mod partikolari l-effettività ta' dik is-sistema.

*Artikolu 18*

**Revoka**

Ir-Regolament (KE) Nru 884/2005 huwa b'dan revokat.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.